Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 147/2014

**Christopher Ciantar u Eleanor Ciantar** **(appellati)**

**Vs**

**Emanuel Micallef bhala Kap tat-Taqsima tal-Ahbarijiet One Productions Ltd u Josef Caruana bhala Editur tal-Orrizont** **(appellant)**

5 ta' Ottubru, 2018.

1. B'rikors prezentat fid-29 ta' April, 2014 l-atturi harrku lill-konvenuti fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u talbu li jkunu kkundannati jhallsu d-danni ai termini tal-artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa (Kap. 248) minhabba artikli pubblikati fil-gazzetta l-Orrizont fil-perjodu bejn Mejju u Gunju, 2013 u ahbar li nghata fuq One News fit-18 ta' Mejju, 2013.

2. Fil-5 ta' Jannar, 2015 l-atturi rrinunzjaw il-kawza fil-konfront tal-konvenut Micallef.

3. B'sentenza tat-23 ta' Novembru, 2017 l-ewwel qorti cahdet l-eccezzjonijiet u laqat it-talba tal-atturi u kkundannat lill-konvenut Caruana jhallas is-somma ta' erbat elef ewro (€4,000).

4. Fit-12 ta' Dicembru, 2017 il-konvenut appella mis-sentenza. L-aggravju tal-appellant hu:

   *"a. Bhala stat ta' fatt kien hemm rapurtagg ta' mistoqsijiet parlamentari u risposti in meritu. L-editur kull ma ghamel kien li ghamel il-kummenti tieghu dwar dawn il-fatti. Dan skont is-sentenzi fuq citati certament kellu kull dritt li jaghmel.*

   *b. Fl-artikolu jintuzaw il-kliem espresso: ghadd ta' mistoqsijiet dwar allegati abbuzi ta' poter minn dan l-istess Segretarju Permanenti. Jigifieri l-qarrej immedjatament kien qed jitpogga fis-sitwazzjoni ta' fatti li gew iddikjarati fil-Parlament.*

   *c. fid-9 ta' Mejju 2013, missier ir-rikorrenti Eleanor Ciantar, ossija Oliver Paul Vassallo, kiteb ittra fil-gazzetta l-Orrizont. Il-fatt innifsu li din l-ittra giet ippubblikata timmilita favur l-appellanti. Izda wkoll f'din l-ittra jidher car li l-missier ma lmentax fuq il-fatti per se izda aktar dwar ir-rappurtagg u l-opinjoni – u l-opinjonijiet, tenut kont tas-sentenzi fuq citati, huma opinjonijiet li kienu accettabbli bhala livell ta' gurnalizmu rikjest.*

   *d. intuza dan il-paragrafju fl-artikoli koncernati: Fil-legislatura li ghaddiet kien gie kkonfermat lis-Segretarju Permanenti Chris Ciantar kien approva li jsir, u finalment jithallas ammont konsiderevoli ta' sahra u li dan kien jlahhaq ghal €12,000 fuq medda ta' tliet snin biss lill-*

*martu stess. Meta jinhatar il-bord tal-ghazla, l-approvazzjoni tal-membri normalment issir mis-Segretarju Permanenti qabel ma jintbaghtu l-ismijiet lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Nistaqsu jekk f'dan il-kaz is-Segretarju Permanenti halliex f'idejn is-Segretarju Permanenti Principali jew le sabiex ikun evitat kunflitt ta' interess car ? Din id-domanda ma kinitx wahda legittima ?*

*e. Il-Qorti spjegat illi kienet obbligata tassikura illi jintlahaq bilanc bejn id-dritt tal-liberta ta' l-espressjoni u d-dritt tal-protezzjoni tar-reputazzjoni, u dana sabiex jigi assikurat li hemm tali bilanc. L-appellanti jispjega illi effettivament il-bailanc bejn il-fatt u l-opinjoni gusta ntlahaq".*

5. L-atturi wiegbu u taw ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud.

6. L-ewwel qorti kkonkludiet li r-responsabbilta tal-konvenut kienet minhabba dak li nkiteb fl-artikli:

   i. Tat-3 ta' Mejju, 2013, *Il-Familja l-Ewwel*;
   ii. Tad-9 ta' Mejju, 2013, *Il-kaz tas-Segretarju Permanenti investigat*;
   iii. Tal-11 ta' Mejju, 2013, *Chris Ciantar u l-impjieg ta' martu mal-Gvern*;
   iv. Tat-18 ta' Mejju, 2013, *Thallset €12,891 f'sahra fis-sena elettorali … spiss kienet tidhol tard ghax-xoghol u jekk taqbez il-hin normali tiddikjarah extra*;
   v. Tat-18 ta' Mejju, 2013, *Il-Familja u mhux biss*;
   vi. Tat-28 ta' Mejju, 2013, *L-Infieq Sfieq – L-iskandli ta' Eleanor Ciantar fil-Ministeru fejn zewgha kien is-Segretarju Permanenti*;

7. Fl-artikli nkitbu fatti li jinkludu:

   i. L-attur, li kien Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali, kien *"holoq kariga gdida, taha lil martu u fuq tliet snin approvalha €12,000 f'sahra"* (fol. 4). Somma li ntqal li thallset lill-attrici f'perjodu ta' tliet snin.
   ii. Il-kariga kienet ta' manager fil-Ministeru li fih kien jahdem l-attur. Sahansitra fl-artiklu tat-18 ta' Mejju, 2013 (fol. 8) jinghad li l-attur kien, *"ivvinta kariga ta' maniger ghal martu Eleanor"*.
   iii. L-attur kien personalment japprova s-sahra li taghmel l-attrici (fol. 4).
   iv. L-attrici ghamlet kors li kien jiswa €400 u li thallas mill-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali, u kien approvat mill-attur.
   v. Kien l-attur stess li aghzel il-Bord tal-Ghazla li nhatar fir-rigward tal-kariga ghall-manager fejn intaghzlet l-attrici.
   vi. L-attrici kienet tahdem mis-7.00 a.m. sal-4.00 p.m. u spiss kienet tasal ghax-xoghol ghal habta ta' nofsinhar u tiffirma li dahlet fis-7.00 a.m. u kemm 'il darba kienet taqbez il-hin normali sabiex tiddikjarah f'sahra (fol. 8).
   vii. L-attrici kienet inghatat €13,000 sabiex issiefer, u hadd ma kien jaf fejn kienet tmur.

viii. L-attrici kienet, lejliet l-elezzjoni tas-sena 2013, nefqet is-somma ta' €56,450 u aghmlet *stand* li sewa €40,000 ghall-fiera f'Berlin, Germanja minghajr ma kellha l-approvazzjoni. B'hekk giet li njorat ghal kollox il-procedura fl-infieq ta' fondi pubblici. Fiera li telghet ghaliha minghajr ma kellha l-approvazzjoni. Kienet ukoll irceviet is-somma ta' €25,000 f'sahra biss f'perjodu ta' tmintax-il xahar (fol. 10).

ix. L-attur kien *"sfaccatament jabbuza regolarment mill-poter biex jagevola lil martu stess l-ewwel wahda"* (fol. 9).

8. Li gurnalist jikkummenta fuq fatti hu dritt. Pero' l-kummenti jridu jsiru fuq fatti li huma veri.

9. Minn qari tal-artikli hu evidenti li l-messagg li nghata lill-qarrej hu li l-attur abbuza mill-kariga tieghu ta' Segretarju Permanenti ghall-beneficcju ta' martu. Dan ma kienx kaz fejn l-artikli sempliciment kienu qeghdin jirriproducu dak li ntqal fil-Parlament. Tant hu hekk li fl-eccezzjoni fil-meritu l-konvenut ma nvokax li l-pubblikazzjoni kienet privileggata. Qal biss li dak li gie ppubblikat kien ta' nteress pubbliku u xi kummenti.

10. Fil-kaz in ezami, l-uniku prova li saret dwar il-fatti li jissemmew hawn fuq huma li:

i. L-attur kien Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali;

ii. Fit-3 ta' Awissu, 2011 l-attrici kienet inghatat il-kariga ta' Manager (Naturalment Malti). Jirrizulta li dik il-kariga kienet fir-*Rural Development and Aquaculture Department*, li jaqa' taht il-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali (ara kuntratt ta' impieg a fol. 145);

iii. L-attrici thallset sahra, pero' zgur li mhux fl-ammont ta' €25,000 f'perjodu ta' tmintax-il xahar. Fil-fatt mir-rendikont li pprezenta Espedito Grech (fol. 358) jirrizulta li l-attrici thallset is-somma ta' €28,213.77 ghas-snin 2008 sa 2013;

iv. L-attrici ghamlet kors li kien jiswa €400 u l-ispiza thallset mill-principal taghha;

11. Fis-sentenza l-ewwel qorti ghamlet accenn ghal fatt li kien jidher car li l-konvenut qatt ma kkomunika mal-atturi sabiex, *".. jiehu l-veduti taghhom dwar dak illi huwa kien qieghed jallega ….".* Pero' mill-provi rrizulta li l-posizzjoni li ha l-attur kienet li m'ghandux jitkellem mal-mezzi tax-xandir u gazzetti. Fil-fatt f'email datata 3 ta' Mejju, 2013 li l-attur baghat lill-Principal Permanent Secretary fl-ufficcju tal-Prim'Ministru (fol. 98), kiteb:

*"Jien qed nintalab kummenti mill-mezzi tax-xandir u tal-istampa fuq dan il-kaz. Jien ma jidhirlix li hu etiku li naghti dettalji fuq il-kaz. Pero huwa d-dover tieghi li nuri b'mod immedjat*

*li jien m'ghandi xejn x'nahbi biex nissalvagwardja r-reputazzjoni tieghi. Jien se nghidilhom biss li ghamilt talba biex l-Awditur Generali jinvestiga l-kaz"*.

F'email ohra datata 20 ta' Mejju, 2013 li l-attur baghat lill-istess persuna, kiteb:

*"Peress illi skont il-PSMC (Art 7.2.5.2) jiena ma nistax naghmel kuntatt dirett mal-media, qed nitlob li ssir din il-kjarifika mid-DOI minhabba l-ammont ta' informazzjoni zbaljata u ingurjanti li qed tinghata"*.

Ghaldaqstant, ukoll kieku kkomunika mieghu ma kinitx ser taghmel xi differenza.

12. Pero' hu minnu li fl-artikli gew allegati fatti li baqghu ma gewx ippruvati. F'tali cirkostanzi l-qorti ma tifhimx kif il-konvenut jipprova jinheba wara l-eccezzjoni li dak li nkiteb mhu xejn ghajr kumment. Il-kummenti jistghu jkunu ragonevoli meta jkunu dwar fatti veri, li pero' f'dan il-kaz hafna minnhom baqghu ma gewx ippruvati. Hekk per ezempju ma saritx prova li:

i. Il-kariga ta' Manager (Naturalment Malti) inholqot mill-attur. Mill-provi rrizulta li dik il-kariga kienet giet awtorizzata mill-Ufficcju tar-Rizorsi Umani, fl-Ufficcju tal-Prim'Ministru. Il-fatt wahdu li l-attur nzerta li f'dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju Permanenti, ma jfissirx li probabbilment il-kariga nholqot proprju ghal martu. Biex tasal ghall-konkluzjoni li l-attur *"holoq kariga gdida, taha lil martu"*, kien jehtieg iktar provi b'sahhithom u mhux semplici domanda parlamentari.

ii. Il-Bord tal-Ghazla ghal dik il-kariga kien maghzul mill-attur. Fil-fatt jirrizulta li l-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali kien, veru tramite l-attur, ippropona lill-Kumissjoni ghas-Servizz Pubbliku l-ismijiet tal-persuni li kellhom jinhatru minn dak il-Bord (ara ittra datata 31 ta' Awissu, 2010 a fol. 212 li fuqha l-qorti qeghda tifhem li hemm l-inizjali tal-attur fejn il-kliem *'Thro' Permanent Secretary'*). Pero' l-approvazzjoni finali kienet tal-Public Service Commission, organu li tipprovdi ghalih il-Kostituzzjoni u li fid-decizjonijiet li jiehu hu indipendenti mill-Ministeri. Denis Buttigieg stess xehed li l-Bord ikun appuntat mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku.

iii. Kien l-attur li ta l-approvazzjoni sabiex martu tattendi l-kors bi spiza ta' €400. Mhemmx prova ta' dan.

iv. L-attrici kienet tgawdi minn privileggi fuq il-post tax-xoghol, bhal per ezempju tidhol tard ghax-xoghol u mbaghad taghmel is-sahra biex izzid l-introjtu taghha.

v. L-attrici nefqet somma kapitali ghall-fiera li saret fil-Berlin, il-Germanja minghajr ma nghatat l-approvazzjoni mis-superjuri taghha, jew li ppartecipat fil-fiera minghajr ma talbet permess.

13. Ghal dak li jirrigwarda s-sahra, l-attrici xehedet li kien jigi approvat mid-Direttur Generali li lilu kienet tirrispondi, u mbaghad lid-Direttur Generali tal-Finanzi fil-Ministeru. Fatt li ma giex kontradett b'xi prova ohra. Fil-fatt mid-deposizzjoni u dokumenti li pprezenta x-xhud Jacob Zahra, jirrizulta li trid issir talba mid-Direttur (Kap tad-Dipartiment) ikkoncernat lis-Segretarju Permanenti, sabiex impjegat ikun jista' jaghmel is-sahra. Mid-dokumenti li pprezenta l-istess xhud (ara fol. 369) jirrizulta li:

*"**Directors/Heads of Department may require employees to work more than their daily/weekly standard hours, including public holidays**. Overtime work should be resorted to only in exceptional circumstances".*

F'dan il-kaz ma jirrizultax li s-sahra li hadmet l-attrici kien fuq inizjattiva ta' zewgha.

14. Fl-affidavit l-attur ta ezempji ta' xhur fejn l-attrici rceviet hlas ghal sahra, u qal:

*"Ezempji ta' sighat ezagerati ta' overtime u li huma prattikament (u umanament) impossibbli li jinhadmu minn kull bniedem iehor jirrizultaw f'Novembru 2012 (200 siegha sahra), April 2011 (157 siegha sahra), Frar 2013 (149 siegha sahra). Ghalija dan jidhol f'sintonija mat-taghrif li kellna li meta Eleanor Ciantar 'kienet spiss tidhol tard ghax-xoghol u jekk taqbez il-hin normali kienet tiddikjarah extra' (rapport 18 ta' Mejju 2013)"* (fol. 159).

Pero' fi twegiba li nghatat fil-25 ta' Ottubru, 2011 ghall-mistoqsija parlamentari (fol. 165), li l-konvenut stess ipprezenta, jinghad li l-hlas tas-sahra ma jsirx bl-istess mod kif jithallas is-salarju. Fit-twegiba jinghad li:

*"…. l-hlasijiet addizzjonali li mhumiex regolari ma jikkoncidux u ma jirraprezentawx il-hlas dovut la ghall-perjodu tas-salarju u wisq inqas ghall-perjodi ekwivalenti tal-hlas tas-salarju u mhux necessarjament jithallsu lil kulhadd kontemporanjament ghall-istess perjodi u lanqas necessarjament ghall-perjodi fl-istess sena kalendarja. Din il-prattika hija wahda uzata b'mod wiesgha fid-dinja tax-xoghol b'mod partikolari fl-ambjent governattiv fejn il-process ta' approvazzjoni huwa twil u metikoluz biex ikun zgurat kemm it-trasparenza kif ukoll l-accountability".*

Ghalhekk il-konvenut kellu jkun jaf li s-sahra ma tithallasx bl-istess mod kif jithallas is-salarju. Taghrif li kellu access ghalih tant li kien hu li pprezenta traskrizzjoni tad-domanda u t-twegiba li nghatat (fol. 165).

15. Fl-affidavit l-attur xehed:

*"Nixtieq nikkonkludi li bir-rapporti kollha li saru minnha u li jissemmew f'din it-tilwima, inkluz il-hafna hin ta' stharrig biex setghu jigu pubblikati, u l-fehmiet espressi sussegwentement f'dan ir-rigward saru biss b'rispett lejn l-infieq ghaqli ta' fondi pubblici kif mistenni, lejn ic-Civil b'mod generali u anke ghal kull haddiem fih li jaspira f'karriera f'xi entita pubblika u zgur mhux bil-kontra".*

Mhemmx dubju li l-gurnalist hu '*watchdog'* importanti fl-interess pubbliku. Madankollu, hu mportanti li l-fatti jkunu veri. Fuq in-naha l-ohra hemm il-jedd ta' persuna ghar-reputazzjoni taghha iktar u iktar fejn isiru allegazzjonijiet serji ta' abbuz ta' poter.

16. Meta l-qorti tqies il-kwantita ta' fatti allegati u li baqghu ma gewx ippruvati, ma tistax tikkonkludi li kien gust li jinghad li l-attur kien abbuza mill-kariga tieghu ta' Segretarju Permanenti sabiex jiffavorixxi lil martu, u li l-attrici kienet abbuzat u gawdiet minn beneficcji li ma kinitx tgawdi li kieku zewgha ma kienx jokkupa dik il-kariga. Dan apparti li jekk kien hemm dak l-abbuz kollu li jissemma fl-artikli, il-qorti kienet tippretendi li hekk kif il-Partit Laburista rebah l-elezzjoni generali ta' Marzu 2013, il-Gvern kien minnufih jissospendi lill-ufficjali kkoncernati u jiehdu passi dixxiplinarji kontrihom. Anzi f'domanda parlamentari li giet imwiegba fis-seduta tal-21 ta' Ottubru, 2013 jirrizulta li l-Ministru kkoncernat ta' dak iz-zmien qal, *"wara li ddiskutejt il-kaz mas-Segretarju Permanenti tieghi* ***l-uniku parir li nghatajt kien li l-kaz ghandu jieqaf hawn"*** (fol. 62). Dan b'riferenza ghas-somma ta' €12,000 ghal sahra fuq medda ta' tliet snin u l-impjieg tal-attrici fil-kariga ta' Manager (Naturalment Malti).

17. Sahansitra, jirrizulta wkoll li f'Ottubru 2013, cjoe' wara li l-Partit Laburista rebah l-elezzjoni generali, l-attrici kienet impjegata bhala Manager (Fisheries Control Programme) fil-Fisheries Control Directorate, Ministeru ghall-Izvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil tal-Klima (ara kuntratt a fol. 148) b'salarju ahjar minn dak li bdiet bih fil-kariga ta' qabel. Ghall-qorti dan ikompli juri li l-affarijiet ma kinux kif gew deskritti fl-artikli oggett tal-kawza.

18. Mid-deposizzjoni tal-appellant il-qorti mhijiex f'posizzjoni li tikkonkludi li kien agixxa b'mod professjonali u in *bona fede*. F'dan ir-rigward il-konvenut ma ta l-ebda taghrif dwar is-suppost investigazzjoni li jghid li saret qabel inkitbu l-artikli oggett tal-kawza. Kull ma ressaq hi traskrizzjoni ta' xi domandi parlamentari u twegibiet (ara fol. 163 – 169). Li hu certu hu li dak li ntqal fid-domanda parlamentari li saret fit-23 ta' April, 2013 (fol. 167) ittiehed daqslikieku kien il-verita. Persuna li tkun in *bona fede*, kienet ukoll tippubblika dak li qal il-Ministru kkoncernat fit-twegiba parlamentari li ta fil-21 ta' Ottubru, 2013 cjoe' li wara li ddiskuta l-kaz, *"... mas-Segretarju Permanenti tieghi l-uniku parir li nghatajt kien li l-kaz ghandu jieqaf hawn"* (fol. 62). Mhemmx prova li tali dikjarazzjoni nghatat pubblicita mill-Orrizont, minkejja l-artikli kollha li kienu diga gew ippubblikati dwar l-allegat 'skandlu'. Anzi

ghalkemm il-kawza kienet prezentata fid-29 ta' April 2014, igifieri wara dik id-dikjarazzjoni mill-Ministru kkoncernat, il-konvenut baqa' jzomm il-posizzjoni li kien ha fiz-zmien li kienu ppubblikati l-artikli in kwistjoni.

19. Il-qorti tfakkar ukoll li l-artikli ma kinux jikkonsistu biss f'rapurtagg ta' domandi parlamentari li jidher li kienu qeghdin isiru b'riferenza ghal dak li seta' gara fil-Ministeru fejn l-attur kien Segretarju Permanenti. Fl-artikli nkiteb car u tond li dan kien kaz ta' abbuz ta' poter mill-attur, billi bhala Segretarju Permanenti ffavorixxa u agevola lil martu. Fil-fatt f'wiehed mill-artikli qalet li dan kien kaz ta' skandlu. Il-kontenut u ton li ntuza fl-artikli ma jistax jigi deskritt li fl-assjem kien wiehed bilancjat. Dan iktar u iktar meta tqies li l-artikli gew ippubblikati fi zmien meta l-qorti m'ghandhiex dubju li l-konvenut u shabu l-gurnalisti tal-gazzetta l-Orrizont, kellhom il-mezzi sabiex jaghmlu l-verifiki u accertamenti li hemm bzonn dwar il-fatti li kienu ser jippubblikaw. Dan meta tikkunsidra li f'dak iz-zmien kien hemm diga' Gvern immexxi mill-Partit Laburista u s-segretarjati tal-Ministeri kienu qeghdin jitmexxew minn *persons of trust* ta' dak il-Gvern.

20. Fl-ahharnett, kuntrarjament ghal dak li jsostni l-konvenut, l-ittra li kiteb missier l-attrici (Oliver Paul Vassallo) u pubblikata fil-gazzetta l-Orrizont (fol. 30), ma tghinx lill-attur.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.